

Brussell, 20 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8690/25

MOG 42
YEMEN 2
CFSP/PESC 666
COPS 197

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Mejju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen, approvati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-JEMEN

1. Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet preċedenti tagħha tal-Kunsill dwar il-Jemen ta' Diċembru 2022 u l-impenn tagħha li tappoġġa lill-poplu tal-Jemen, l-UE tesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament gravi tas-sigurtà fil-Jemen u tappella lill-partijiet kollha biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont id-Dritt Internazzjonali, inkluż id-Dritt Umanitarju Internazzjonali. L-UE tikkundanna bil-qawwa t-theddid mill-Houthi u l-attakki indiskriminati kontra t-tbaħħir marittimu internazzjonali, fil-Baħar l-Aħmar u fil-Golf ta' Aden u kontra Iżrael. Dawn l-attakki jheddu direttament il-paċi u l-istabbiltà reġjonali, il-kummerċ dinji u l-libertà tan-navigazzjoni bħala ġid pubbliku globali u s-sitwazzjoni umanitarja diġà mwiegħra fil-Jemen. Wara għaxar snin ta' kunflitt fil-Jemen, it-tregwa nnegożjata min-NU tidher aktar fraġli minn qatt qabel u r-riskju ta' eskalazzjoni ulterjuri domestikament u fir-reġjun għadu għoli. Fil-kuntest tal-attakki mill-Houthi, l-isforzi għall-paċi mmexxija min-NU twaqqfu, il-proliferazzjoni tal-armi u t-theddid terroristiku qed jiżdiedu fil-Jemen u fir-reġjun, filwaqt li s-sitwazzjoni umanitarja fil-pajjiż qed tkompli tiddeterjora b'mod inkwetanti u għadhom qed jiġu rreġistrati ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan l-istadju kritiku, jeħtieġ li jiġi evitat ir-ritorn għal gwerra totali, li mhux biss tkun diżastruża għall-popolazzjoni Jemenita, iżda tissogra wkoll effetti konsegwenzjali negattivi fuq ir-reġjun usa' u għas-sigurtà marittima u l-libertà tan-navigazzjoni fil-Baħar l-Aħmar. Fl-istess ħin is-sitwazzjoni fil-Jemen hija affettwata ħafna mid-dinamika reġjonali.
2. Fost dawn l-iżviluppi inkwetanti, u fl-isfond ta' sogru dejjem akbar ta' qawmien mill-ġdid ta' ġlied domestiku, l-UE tappella għal momentum imġedded fl-isforzi għall-paċi fil-Jemen. L-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-medjazzjoni u l-inizjattivi reġjonali tan-NU mmirati lejn waqfien mill-ġlied sostenibbli fil-Jemen, it-tmiem tal-attakki fil-Baħar l-Aħmar u kontra Iżrael, u r-ritorn tal-partijiet għal negozjati sinifikanti għal soluzzjoni politika inklużiva li tindirizza d-dimensjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà tal-kunflitt. Il-paċi u l-istabbiltà fil-Jemen huma essenzjali wkoll għas-sigurtà tar-reġjun tal-Golf u tal-Baħar l-Aħmar, u għalhekk l-impenn reġjonali jibqa' kruċjali. B'impenn favur l-unità, is-sovranietà, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Jemen, l-UE ser tkompli tappoġġa bil-qawwa lill-Mibgħut Speċjali tan-NU għall-Jemen u t-tim tiegħu permezz ta' mezzi diplomatiċi u billi tiffaċilita u tiffinanzja kemm l-inizjattiva "track I" kif ukoll "track II". L-UE tfaħħar l-isforzi li għaddejjin mill-atturi reġjonali

biex iwittu t-triq għal soluzzjoni politika u għall-paċi dejjiema fil-pajjiż. L-UE hija lesta li żżid l-impenn dirett tagħha biex tiffaċilita r-ritorn tal-partijiet differenti għad-djalogu sabiex tintlaħaq soluzzjoni politika inklużiva.

3. L-UE tirrikonoxxi r-rieda għall-impenn mill-Gvern tal-Jemen (GoY) biex jassumi r-responsabbiltà u s-sjieda. L-UE ser tkompli bl-appoġġ tagħha għall-GoY u l-Kunsill ta' Tmexxija Presidenzjali (PLC) fl-isforzi tagħhom biex javvanzaw ir-riformi u l-governanza tajba, b'mod partikolari permezz tal-Pjan ta' Riforma Komprensiv tal-Gvern, filwaqt li tissottolinja l-importanza kritika tal-unità u tal-preżenza kontinwa fil-kapitali temporanja Aden. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll lill-Kummissjoni ta' Konsultazzjoni u Rikonċiljazzjoni (CRC), bħala l-pjattaforma ewlenija ta' djalogu istituzzjonali għall-partiti politiċi fil-Jemen. L-UE thegġegħ lill-GoY u l-PLC biex isaħħu l-unità interna u jtejbu t-twassil ta' servizzi u drittijiet bażiċi lill-poplu Jemenit, li huma essenzjali għall-istabbiltà politika u ekonomika tal-Jemen. L-UE tinsab lesta wkoll li żżid l-isforzi b'appoġġ għas-soċjetà ċivili Jemenita.
4. F'kuntest usa', l-UE tfakkar fil-voti pożittivi tal-Jemen fl-Assemblea Ġenerali tan-NU li jikkundannaw l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tappella lill-Jemen għal appoġġ kontinwu għall-integrità territorjali tal-Ukrajna, għall-protezzjoni tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u biex tintlaħaq paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.
5. L-UE hija mħassba serjament dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika fil-Jemen ikkaratterizzata minn inflazzjoni għolja, deprezzament kostanti tal-munita u kriżi bankarja allarmanti. L-UE hija lesta li tappoġġa lill-Gvern tal-Jemen fl-iżvilupp ta' governanza unifikata, inklużiva, sostenibbli u ekonomikament soda biex jiġġieled il-korruzzjoni, isaħħaħ ir-responsabbiltà, itejjeb il-ġbir tad-dħul, javvanza r-riunifikazzjoni tas-sistema bankarja u jtaffi r-riskji umanitarji. Għal dan l-għan, l-UE tappella lill-komunità internazzjonali, b'mod partikolari lill-aġenziji tan-NU, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u d-donaturi, biex jikkoordinaw l-impenn tagħhom fuq il-post biex jipprevjenu aktar deterjorament u r-riskju ta' kollass tal-istituzzjonijiet tal-Gvern tal-Jemen.
6. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli tappoġġa l-governanza tajba tal-Gvern tal-Jemen. L-UE tappoġġa l-unifikazzjoni u l-funzjonalità tas-settur tas-sigurtà tal-Gvern, b'mod partikolari fir-rigward tar-riforma tas-settur tas-sigurtà ċivili u l-bini tal-kapaċitajiet. F'dan ir-rigward, l-UE

diġà żiedet l-appoġġ tagħha għall-Gwardja tal-Kosta Jemenita u hija lesta tipparteċipa fi sforzi ulterjuri mas-sħab internazzjonali biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Gwardji tal-Kosta li jgħassu l-baħar u jiżguraw il-libertà tan-navigazzjoni.

7. L-UE hija mħassba ħafna dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen, b'19.5 miljun persuna (60 % tal-popolazzjoni) fil-bżonn ta' assistenza u protezzjoni umanitarja, bin-nisa u l-bniet aktar probabbli li jiddependu fuqha, li jammontaw għal mill-inqas 9.6 miljun fi bżonn serju ta' assistenza vitali, 17.1 miljun persuna li qed jiffaċċjaw insigurtà akuta tal-ikel, aktar minn 4.8 miljun persuna spostati internament, 6 miljun bejn nisa u bniet li qed jiffaċċjaw riskju oġġla ta' abbuż u sfruttament, 2.3 miljun tifel u tifla b'malnutrizzjoni akuta u 35 % tal-każijiet ta' kolera madwar id-dinja. L-eskalazzjoni militari li għaddejja bħalissa, l-ambjent operattiv li qed jiddeterjora dejjem aktar u l-interferenzi kontinwi b'assistenza umanitarja imparzjali fil-Jemen kollu, inkluż id-detenzjonijiet arbitrarji mill-Houthi huma ta' detriment għall-isforzi internazzjonali biex jgħinu lill-poplu Jemenit flimkien ma' tnaqqis bla preċedent tal-finanzjament internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkundannaw bil-qawwa d-detenzjonijiet arbitrarji kontinwi mill-Houthi ta' persunal lokali mill-aġenziji tan-NU, l-NGOs u l-missjonijiet diplomatiċi u jtenni l-appell urġenti għall-ħelsien tagħhom immedjat u mingħajr kundizzjonijiet. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu attur umanitarju ewlieni fil-Jemen, peress li l-UE pprovdiet aktar minn EUR 1.6 biljun f'assistenza ġenerali mindu faqqa' l-kunflitt fl-2015. Fid-dawl tat-tnaqqis fil-finanzjament tal-assistenza internazzjonali lill-Jemen u l-ambjent operattiv dejjem aktar kumpless, l-UE tappella għaż-żieda fl-għajnuna umanitarja u tappella lill-partijiet kollha biex jiżguraw aċċess umanitarju sħiħ u mingħajr xkiel f'konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u l-prinċipji umanitarji, u r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp li tirrevedi u tappoġġa l-qafas ta' rispons multilaterali u żżid l-appoġġ għall-azzjoni umanitarja mmexxija lokalment. L-insigurtà tal-ikel hija akuta: mingħajr appoġġ adegwat, huwa stmat li 6 miljun persuna addizzjonali ser jesperjenzaw livelli ta' emerġenza ta' insigurtà tal-ikel. L-UE tappoġġa d-deċiżjoni tant meħtieġa tan-NU li tagħti prijorità lill-programmi vitali umanitarji fiż-żoni l-aktar milquta u tappella lid-donaturi biex iżommu impenn konġunt u bbażat fuq il-prinċipji, biex jiproteġu l-ispace umanitarju u biex jevitaw katastrofi umanitarja.

8. L-UE u l-Istati Membri tagħha, f'approċċ ta' Tim Ewropa, huma impenjati li jkomplu l-assistenza għall-iżvilupp tagħha lill-Jemen, fejn possibbli, bl-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien għall-Jemeniti permezz ta' investimenti fl-irkupru u r-riformi ekonomiċi, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà inkluż foqasma bħas-sigurtà tal-ikel, l-agrikoltura, l-elettriku u l-ilma, is-sanità u s-servizzi tal-iġjene. L-UE ser tkompli taħdem biex ittejjeb l-aċċess għal servizzi bażiċi għall-popolazzjoni fil-Jemen, b'enfasi speċjali fuq in-nisa u ż-żgħażaġh.
9. L-UE ser tkompli tippromwovi bil-qawwa l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali fil-Jemen kollu, inkluż permezz ta' monitoraġġ u dokumentazzjoni indipendenti u imparzjali kontinwi ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali. L-UE hija mħassba dwar it-trażżin kontinwu tas-soċjetà ċivili u d-drittijiet tan-nisa fil-Jemen, b'mod partikolari mill-Houthi. L-UE tibqa' mħassba haġna dwar l-impatt tal-kunflitt fuq il-popolazzjoni ċivili u tiddeplora l-għadd kbir ta' vittmi ċivili, attakki fuq l-infrastruttura ċivili, inkluż dawk marbutin mal-effetti indiskriminati tal-mini tal-art u l-fdalijiet splussivi tal-gwerra. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-partijiet biex jiżguraw li t-tfal ma jiġux reklutati fil-forzi armati, ma jkunux qed jieħdu sehem f'ostilitajiet u jkunu protetti kontra l-effett tal-ostilitajiet. Ir-responsabbiltà u l-ġustizzja tranżizzjonali huma parti essenzjali għall-proċess ta' paċi; kemm il-Gvern tal-Jemen kif ukoll l-Houthi għandhom jimpenjaw ruħhom biex jinħelsu aktar prigionieri.
10. L-UE tikkundanna l-proliferazzjoni tal-armi li minnha jibbenefikaw l-Houthi u Gruppi Armati Mhux Statali oħra, inkluż organizzazzjonijiet terroristiċi ddeżinjati bħal Al-Shabaab u Al Qaida fil-Peniżola Għarbija (AQAP), bi ksur tad-dritt internazzjonali, kif ukoll iż-żieda drammatika fit-traffikar tal-armi fil-Jemen, fil-Baħar l-Aħmar u fil-Qarn tal-Afrika, li tipperikola l-istabbiltà reġjonali. L-UE tibqa' mħassba dwar l-allegati rabtiet bejn il-Houthi u Al-Shabaab iffaċilitati min-networks tal-kriminalità organizzata attivi fir-reġjun. Filwaqt li tfakkar fl-obbligu tal-Istati kollha li jirrispettaw l-embargo fuq l-armi skont ir-Riżoluzzjoni 2216 (2015) tal-KSNU, l-UE tappella lil partijiet terzi u b'mod partikolari lill-Iran, iwaqqfu l-appoġġ tagħhom u l-konsenji tal-armi lill-Houthi u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-tensjoni. L-UE ser tkompli tappoġġa l-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-NU (UNVIM), filwaqt li tappella għat-tisħiħ tal-mandat tagħha sabiex issaħħaħ ir-rwol u l-effiċjenza tagħha fl-infurzar tal-embargo tan-NU fuq l-armi UNSCR 2216 (2015). L-UE ser iżżomm l-opzjoni li tiġġieled l-imġiba distruttiva mill-

Houthi u l-konsenja ta' armi u materjal relatat lill-Houthi, inkluż bl-użu ta' aktar miżuri restrittivi.

11. L-UE ser iżżomm u ssaħħaħ l-impenn qawwi tagħha fil-Baħar l-Aħmar permezz tal-operazzjoni marittima difensiva tagħha EUNAVFOR ASPIDES, immedija fi Frar 2024 li tkompli toffri protezzjoni lill-bastimenti kummerċjali fi tranżitu, u barra minn hekk iżżid il-kontribut tagħha għas-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà marittima, filwaqt li tfittex sinerġiji mal-EUNAVFOR ATALANTA. L-UE tibqa' kommissa li tappoġġa l-isforzi kollha li huma konformi mad-dritt internazzjonali, biex tiżgura l-libertà tan-navigazzjoni fil-Baħar l-Aħmar, tipproteġi l-korsiji kruċjali tat-tbaħħir u tgħin biex jiġu rrestawrati l-flussi regolari tal-kummerċ permezz tal-Kanal ta' Suez li jgħaqqad mal-Baħar Mediterran u tappella lill-pajjiżi kollha fir-reġjun jingħaqdu ma' dawn l-isforzi. L-UE tfaħħar ir-riżultati eċċellenti tal-ASPIDES, li skortat aktar minn 440 bastiment matul l-ewwel sena tal-mandat tagħha u evitat diżastru ambjentali maġġuri fil-Baħar l-Aħmar u l-istati littorali u aktar tfixkil fir-rotot tat-tbaħħir fir-reġjun. L-UE tappella biex titwaqqaf il-prattika ta' detenzjoni indiskriminata u arbitrarja ta' bastimenti merkantili u l-ekwipaġġi tagħhom mill-Houthi, filwaqt li tinżamm is-sikurezza tal-baħħara u biex jitwaqqfu l-azzjonijiet kollha li jostakolaw il-kummerċ internazzjonali u s-sigurtà reġjonali.
12. L-UE tenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali biex tiġi ssalvagwardata s-sigurtà marittima fil-Baħar l-Aħmar, tiġi promossa kooperazzjoni reġjonali usa' u jiġu indirizzati s-sorsi ta' nuqqas ta' sigurtà marittima inkluż permezz tal-ħidma tar-Rappreżentanti Speċjali rispettivi tal-UE. F'dan il-kuntest, l-UE ser issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab reġjonali, mal-istati littorali, kif ukoll mas-sħab tal-istess fehma.